MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2010

Numru. 617/1998

**Pulizija**
**(Supretendent Silvio Valletta)**
**vs**
**omissis**
**Anthony Zammit**
**omissis**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Anthony Zammit ta’ 19-il sena, bin Frank u Grace nee’ Galdes imwieled l-Awstralja fit-13 ta’ Ottubru 1978 u residenti “Awstralja” Triq San Gorg, Qormi u detentur tal-karta tal-identita’ numru 158192(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1) F’San Giljan f’data qabel l-24 ta’ Settembru 1998 matul il-lejl, ikkommettew serq ta’ rota bir-rim ghall-valur mhux maghruf minn vettura tal-ghamla Fiat ghad-dannu ta’ persuna mhux maghrufa liema serq huwa kkwalifikat

bil-mezz, vjolenza numerika, hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

2) Lil omissis u Anthony Zammit wahidhom talli f'San Gwann nhar it-23 ta' Settembru 1998 ghall-habta tat-3.15pm, ikkommettew serq ta' deheb ghall-valur li jeccedi l-mitt lira Maltin izda mhux l-elf lira Maltin, minn fuq il-persuna ta' Elvira Vigar liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur, ghad-dannu ta' l-istess Elvira Vigar anzjana ta' sitta u sebghin sena minn tas-Sliema;

3) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkagunaw feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Elvira Vigar persuna anzjana ta' eta' ta' aktar minn hamsa u sittin sena u dan skond ma ccertifika Dr. Robert Cuschieri M.D. ta' l-isptar San Luqa;

4) Fit-23 ta' Settembru 1998, ghall-habta tat-3.30p.m. f'Tas-Sliema, ikkommettew serq ta' vettura tal-ghamla Ford Cortina bin-numru tar-registrazzjoni KAE 129, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin, u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta' Stephen Scicluna minn Tas-Sliema;

5) Fit-23 ta' Settembru 1998 ghall-habta tal-4:00 p.m. fil-Hamrun, ikkommettew serq ta' deheb minn fuq il-persuna ta' Gaetano Borg, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin u li sar ghad-dannu ta' l-istess Gaetano Borg mill-Hamrun;

6) Fit-23 ta' Settembru 1998, f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa mehudha b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement b'kull mod li jkun indahli biex ibieghuhom jew imexxuhom;

7) F'San Gwann, matul il-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' Jannar, 1998 flimkien ma' persuna mhux maghrufa ikkommettew serq ta' vettura tal-ghamla Ford Cortina, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, vjolenza numerika, valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin, hin u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' persuna mhux maghrufa;

8) F’Hal-Qormi nhar is-26 ta’ Jannar 1998 ghall-habta tas-6:00am ikkommettew serq ta’ sebghin kartuna bajd liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok u bil-hin u li sar ghad-dannu ta’ Anthony Fenech minn Hal-Qormi;

9) Fis-27 ta’ Jannar 1998 ghall-habta tal-5:15 a.m mill-Hamrun , flimkien ma’ persuna mhux maghrufa ikkommettew serq ta’ vettura tal-ghamla Ford Cortina bin-numru tar-registrazzjoni KAD 529 flimkien ma’ diversi accessorji liema serq huwa kkwalfikat bil-vjolenza numerika, mezz, valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin, hin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta’ Frans Fenech mill-Hamrun;

10) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ hsara fil-vettura Ford Cortina KAD 529, liema hsara tiskorri hamsin lira Maltin izda ma teccedix il-hames mitt lira Maltin ghad-detriment tal-istess Frans Fenech;

11) Fil-Marsa nhar is-27 ta’ Jannar 1998, ghall-habta tas-6.50 a.m. flimkien ma persuna mhux maghrufa, ikkommettew serq ta’ portmoni kontenenti s-somma ta’ madwar Lm20 fi flus, minn fuq il-persuna ta’ Mary Rose Vella, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza numerika u bil-hin u li sar ghad-detriment ta’ l-istess Mary Rose Vella mill-Marsa;

12) F’dawn il-Gzejjer matul dawn tnax-il xahar saqu jew ghamlu uzu minn diversi vetturi meta ma kienux illicenzjati mill-Kummissarju tal-Pulizija u b’hekk ma kienux koperti b’polza tas-sigurta jew garanzija dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

13) Lil omissis wahdu akkuzat talli flimkien ma’ persuni mhux maghrufa fil-Hamrun nhar is-27 ta’ Settembru 1998 ghall-habta tas-7:30a.m. ikkommetta serq ta’ vettura tal-ghamla Ford Anglia liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, vjolenza numerika, valur li ma jaccedix l-elf Lira Maltin u

bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta’ persuna mhux maghrufa;

14) Lil omissis wahdu talli fis-27 ta’ Settembru 1998 ghall-habta tat-8:00 a.m. gewwa Hal-Qormi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe hsarat fl-istess vettura Ford Anglia imsemmija hawn fuq u liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira izda teccedi l-hamsin lira Maltin u li saret ghad-dannu ta’ persuna mhux maghrufa;

15) Lil omissis wahdu talli fil-Marsa f’data qabel l-24 ta’ Settembru 1998 flimkien ma’ persuni mhux maghrufa, ikkommetta serq ta’ vettura tal-ghamla Ford Escort, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, vjolenza numerika, valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta’ persuna mhux maghrufa;

16) Lil omissis wahdu talli f’tal-Handaq limiti ta’ Hal-Qormi f’data qabel l-24 ta’ Settembru 1998 volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe hsara fil-vettura Ford Escort hawn fuq imsemmija liema hsara tammonta ghall-aktar minn hamsin lira Maltin izda ma teccedix il-hames mitt lira Maltin, u li saret ghad-detriment ta’ persuna mhux maghrufa;

17) Lil omissis wahdu talli fiz-Zurrieq f’data qabel l-24 ta’ Settembru 1998, flimkien ma’ persuni mhux maghrufa, ikkommetta serq ta’ vettura tal-ghamla Ford Anglia liema serq huwa kkwalifkat bil-mezz, vjolenza numerika u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta’ persuna mhux maghrufa;

18) Lil omissis wahdu talli fl-istess data hawn fuq imsemmija gewwa Hal-Qormi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe, hsara fl-istess vettura Ford Anglia imsemmija hawn fuq, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira izda hija izjed minn hamsin lira Maltin u li saret ghad-dannu ta’ persuna mhux maghrufa;

19) Lil omissis wahdu talli f'Santa Venera f'data qabel l-24 ta' Settembru 1998 f'xi hin fil-ghaxija flimkien ma' persuna mhux maghrufa, ikkommetta serq ta' vettura tal-ghamla Ford Anglia liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u bix-xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-dannu ta' persuna mhux maghrufa;

20) Lil omissis wahdu talli kiser il-provvediment tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata l-15 ta' Gunju 1998, fejn hu kien gie misjub hati ta' reat u liberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin;

21) Lil Anthony Zammit wahdu talli sar recidiv a termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali b'sentenza tal-Qorti tal-Appell datata l-10 ta' Settembru 1996, u sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata t-13 ta' Marzu 1996, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

22) Kiser il-provediment tal-Artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata l-24 ta' Gunju 1996 fejn hu kien gie misjub hati ta' reat liberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fiz-zmien tlett snin;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 23 ta' Marzu 2001 (esebita a fol. 261 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet fil-konfronti tal-imputat Anthony Zammit taht dak li hemm mahsub;

(a) Fl-Artikoli 18, 261 (a)(b)(f)(g)(c)(e), 262, 263, 267, 269, 270, 271, 274, 276, 277, 278, 279, 280 tal-Kodici Kriminali ;
(b) Fl-Artikoli 334, 325 tal-Kodici Kriminali ;
(c) Fl-Artikolu 15(l)(a) tal-Kap. 65 u l-Artikolu 3(l)(2) tal-Kap. 104 ;
(d) Fl-Artikoli 49, 50 tal-Kodici Kriminali ;
(e) Fl-Artikolu 10(l)(a) tal-Kap. 152 ;

Rat li waqt l-udjenza tal-14 ta' Mejju 2001, l-imputat Anthony Zammit ddikjara li huwa m' ghandux oggezzjoni li

l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Rat is-Social Inquiry Report imhejji fil-konfronti tal-imputat.

Semghat it-trattazzjoni finalli maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza ;

Ikkunsidrat :

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fit-23 ta’ Settembru 1998 il-Pulizija rceviet rapport li ghall-habta tat-3.15pm kien sehh incident ta’ snatch and grab fejn anzjana ta’ 75 sena, Elvira Vigar, waqt li kienet qed tistenna fuq l-istage tal-linja fSan Gwann giet attakkata minn guvni li gibdilha gizirana tad-deheb b’munita li kellha f’ghonqa u telaq jigri. Din l-anzjana spiccat ittiehdet l-Isptar fejn giet iccertifikata li kienet qed issofri minn griehi ta’ natura gravi u fejn anki kellha ssirilha operazzjoni. Fl-4.30pm tal-istess gurnata certu Gaetano Borg mill-Hamrun mar l-Ghassa tal-Hamrun b’vettura tal-marka Cortina bin-numru tar-registrazzjoni KAE 129 akkompanjat minn certu Patrick Cassar bhala passiggier fl-istess vettura fejn dan irraporta li ftit minuti qabel kien ghadu kemm hareg mid-dar tieghu il-Hamrun u miexi fit-triq meta waqfet il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KAE 129 b’zewg zghazagh fiha u s-sewwieq staqsih il-hin u waqt li huwa baxxa rasu sabiex jindikalu l-hin is-sewwieq ta’ din il-vettura hataflu l-gizirana tad-deheb li kellu m’ghonqu u li kien fiha zewgt icrieket u kurcifiss u meta huwa beda’ jghajjat dan il-guvni hareg mill-vettura u telaq jigri. Dejjem skond Gaetano Borg il-guvnott l-iehor, li wara rrizulta li kien Patrick Cassar, baqa’ fil-vettura li baqghet diehla f’bieb ta’ garaxx u mbaghad Gaetano Borg dahal fil-vettura b’Cassar ghadu fiha u saq sal-Ghassa tal-Hamrun jaghmel rapport. Meta l-Pulizija kellmu lil Patrick Cassar dan ikkollabora maghhom u ndikalhom li s-sewwieq tal-vettura kien l-imputat odjern Anthony Zammit.

Meta l-Pulizija kellmu lill-imputat Anthony Zammit huwa rrilaxxja zewg stqarrijiet (inseriti a fol. 90 sa 95 tal-atti processwali) fejn huwa ammettta l-involviment tieghu fl-incident ta’ snatch and grab li kien sar fuq l-anzjana Elvira Vigar kif ukoll ghal dak li kien sar fuq Gaetano Borg. Huwa qal lil Pulizija wkoll li wara li effetwa l-isnatch and grab fuq Elvira Vigar f’San Gwann hu u Patrick Cassar kienu marru Tas-Sliema fejn serqu vettura tal-ghamla Cortina u ta’ kulur abjad li kienet parkeggjata hdejn ic-Chalet. Huwa stqarr ukoll li saq din il-vettura b’Patrick Cassar bhala passiggier lejn il-Hamrun fejn ftehmu li ser jisirqu gizirana ohra u fil-fatt huwa qal lil Pulizija li huwa hataf il-gizirana ta’ Gaetano Borg u mbaghad harab mill-vettura meta Borg beda’ jghajjat. L-imputat Anthony Zammit ikkonferma wkoll li ftit wara li gie arrestat in konnessjoni ma’ dawn l-incidenti huwa kien ha lil Pulizija f’post f’Hal-Qormi fejn wara ftit minuti kien ghaddilhom il-munita tad-deheb li kien hataf minn ghonq l-anzjana f’San Gwann. Huwa stqarr ukoll mal-Pulizija li kien involut f’serqa ohra flimkien ma’ Patrick Cassar ta’ vettura tal-marka Cortina ta’ kulur abjad jew ahdar liema vettura uzawha sabiex jisirqu diversi kartuniet tal-bajd minn razzett gewwa tal-Handaq. Huwa qal li dahlu fir-razzett billi qabzu c-cint u fethu l-firroll tal-bieb u mbaghad dahlu gewwa fejn hadu diversi kartuniet tal-bajd. Huwa cahad li kien involut f’xi serq iehor u qal li ddispjacih ta’ li gara. Fit-tieni stqarrija li rrilaxxja, u cioe’ dik tat-2 ta’ Ottubru 1998, l-imputat Anthony Zammit qal li fil-bidu tas-sena 1998 huwa flimkien ma Patrick Cassar u Ricky Abela kienu serqu Cortina mill-Hamrun u mbaghad saqu lejn il-Marsa fejn raw mara b’portmoni f’idejha u ddecidew li Patrick Cassar kellu jinzel mill-vettura u jisraq il-portmoni u huma kellhom jistennewh bil-vettura wara l-kantuniera kif fil-fatt ghamlu. Zammit qal lil Pulizija li wara ftit sekondi raw lil Cassar gej jigri bil-portmoni u wara hu u Cassar qasmu l-Lm20 li kien hemm ifl-portmoni bili hadu Lm10 kull wiehed u taw Lm2 lil Ricky Abela. Huwa cahad li wara dan l-incident kienu serqu xi vettura tal-marka Anglia mill-Hamrun izda kkonferma li s-sena ta’ qabel huwa flimkien ma Patrick Cassar u Antoine Abela kienu serqu rota stepney minn vettura tal-marka Fiat li kienet parkeggjata f’Paceville.

Ikkunsidrat :

Illi minn ezami taz-zewg stqarrijiet rilaxxjati mill-imputat jirrizulta li huwa ammetta l-involviment tieghu fis-serqa ndikata fl-ewwel akkuza. Huwa ammetta wkoll li kien effetwa l-isnatch and grab minn fuq il-persuna ta’ Elvira Vigar ndikata fit-tieni akkuza. Inoltre meta xehdet Elvira Vigar f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-24 ta’ Settembru 1999 hija identifikat lill-imputat Anthony Zammit bhala l-persuna li kien hatfilha u hadilha l-gizirana minn ghonqa u waqaghha mal-art u kkagunalha l-griehi ndikati fit-tielet akkuza. In-natura tal-griehi sofferti minn Elvira Vigar tirrizulta mic-certifikat mediku esebit a fol. 206 kif ukoll mix-xhieda tal-istess Elvira Vigar. Il-Qorti izda ser tqis li r-reat indikat fit-tielet akkuza kien mezz ghal fini ta’ dak indikat fit-tieni akkuza ghal finijiet ta’ piena. Fl-istqarrija tieghu l-imputat ammetta wkoll li kien seraq il-vettura indikata fir-raba’ akkuza minn Tas-Sliema u fil-25 ta’ Frar 1999 xehed Stephen Scicluna l-propjetarju tal-imsemmija vettura li kkonferma li din il-vettura kienet giet misruqa minn Tas-Sliema u ndika il-valur tal-vettura kif ukoll il-valur tal-hsarat kagunati fil-vettura tieghu. Fl-istqarrija tieghu l-imputat Anthony Zammit ammetta wkoll l-involviment tieghu fis-serqa indikata fil-hames akkuza u fi kwalunkwe kaz il-vittma f’din is-serqa Gaetano Borg xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-20 ta’ Novembru 1998 fejn identifika lill-imputat Anthony Zammit bhala s-sewwieq tal-vettura KAE 129 u bhala l-persuna li kien hataflu il-gizirana minn ghonqu. In kwantu jirrigwarda din l-akkuza izda jrid jinghad li ma giex pruvat li l-valur tal-oggetti misruqa kien jeccedi l-Lm100 stante li mir-rapport tal-espert nominat mil-Qorti, Paul Debono, li xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-24 ta’ Settembru 1999 fejn prezenta r-rapport tieghu, irrizulta li l-valur tal-oggetti misruqa kien ta’ Lm91. L-imputat mhux sejjer ghalhekk jinstab hati ta’ serq aggravat bil-valur in kwantu jirrigwarda il-hames akkuza.

Ikkunsidrat:

B’riferenza ghas-sitt akkuza jirrizulta evidenti li din inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel, it-tieni, ir-raba’ u l-

hames akkuza ta’ serq li taghhom l-imputat qed jinstab hati u l-Qorti sejra ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-akkuza.

In kwantu jirrigwarda is-seba’ akkuza li tirrigwarda serq ta’ Ford Cortina li allegatament sar fil-lejl ta’ bejn il-25 u s-26 ta’ Jannar 1998 ghall-habta tas-6.00pm mill-Hamrun ghad-detriment ta’ persuni mhux maghrufa, il-Qorti jidrilha li din l-akkuza ma tirrizultax pruvata sal-grad rikjest mill-ligi stante li ghalkemm l-imputat fl-istqarrija tieghu isemmi serq ta’ vettura Cortina li ntuzat sabiex tigi effetwata s-serqa mir-razzet tal-Handaq huwa la jindika dettalji ohra ta’ din il-vettura u l-anqas ma jghid il-lokalita’ jew id-data li fiha giet misruqa u mill-atti ma jirrizultax li ngabet xi prova ohra li tindika li sar rapport minn xi hadd dwar is-serqa ndikata fis-seba’ akkuza u l-imputat sejjer ghalhekk jigi liberat minn din l-akkuza.

In kwantu jirrigwarda is-serqa ndikata fit-tmien akkuza l-imputat ammetta u ta d-dettalji dwar l-involviment tieghu f’din is-serqa fl-istqarrijiet minnu rilaxxjati u inoltre fl-udjenza tal-25 ta’ Frar 2009 xehed il-propjetarju tar-razzett Anthony Fenech li kkonferma li kien gie sgassat il-bieb tar-razzett tieghu u li gew misruqa diversi kartuniet tal-bajd li l-valur taghhom kien ta’ madwar Lm70. Fl-imsemmija stqarrijiet l-imputat ammetta l-involviment tieghu anke in kwantu jirrigwarda s-serqa ndikata fid-disa’ akkuza u u l-hsara volontarja ndikata fl-ghaxar akkuza u fl-udjenza tal-25 ta’ Frar 1999 xehed Frans Fenech il-propjetarju tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KAD 529 li kkonferma li kienet insterqitlu l-vettura u qal li l-hsara kagunata kienet teccedi l-Lm100. Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti ser tqis li r-reat indikat fl-ghaxar akkuza kien mezz ghal fini tar-reat indikat fid-disa’ akkuza.

Fl-istqarrija minnu rilaxxjata l-imputat ammetta wkoll l-involviment tieghu in kwantu jirrigwarda l-incident ta’ snatch and grab indikat fil-hdax il-akkuza u huwa sejjer ghalhekk jinstab hati tal-imsemmija akkuza.

Permezz tat-tnax il-akkuza l-imputat jinsab akkuzat li saq vettura minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-

Pulizija u ghalhekk minghajr ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni. Fl-istqarrija tieghu l-imputat jammetti li huwa saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KAE 129 li nsterqet minn tas-Sliema fit-23 ta' Settembru 1998 izda mill-provi u senjatament mix-xhieda ta' Brian Farrugia minn hdan il-Licensing and Testing Department tal-Awtorita' Dwar it-Trasport li xehed waqt l-udjenza tal-25 ta' Frar 1999 jirrizulta li fid-data in kwistjoni l-imputat kellu licenzja tas-sewqan u li huwa kellu skwalifika tal-licenjza tas-sewqan ghall-perijodi bejn l-10 ta' Settembru 1996 u t-13 ta' Otubru 1997 u l-20 ta' Ottubru 1998 sal-20 ta' Ottubru 1999. L-imputat ghalhekk ma jistghax jinstab hati tat-tnax il-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Permezz tal-akkuza mmarkata bhala 21 l-imputat jinsab ukoll akkuzat li sar recidiv u saret referenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 10 ta' Settembru 1996 (kopja esebita a fol. 139 ta' dawn l-atti) u sentenza ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta datata 13 ta' Marzu 1996 (kopja esebita a fol. 154 ta' dawn l-atti) u permezz tal-akkuza mmarkata bhal 22 l-imputat jinsab akkuzat li kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu ai temrini tal-Artikolu 5 tal-Kap. 152 permezz ta' sentenza tal-24 ta' Gunju 1996 (kopja ta din is-sentenza esebita a fol. 199). Il-Qorti izda ma tistghax issib htija in kwantu jirrigwarda dawn iz-zewg akkuzi stante li ghalkemm il-Prosekuzzjoni esebiet kopji tal-imsemmija sentenza ma saritx il-prova tal-identita' stante li ma xehdux l-ufficjali prosekuturi nvoluti fl-imsemmija proceduri sabiex jikkonfermaw li Anthony Zammit li inghatat is-sentenza fil-konfronti tieghu huwa l-istess Anthony Zammit akkuzat fil-proceduri odjerni. Irid jinghad inoltre li fl-imsemmija sentenzi ma hemmx indikati id-dettalji anagrafici tal-persuna li inghatat is-sentenza fil-konfronti tieghu u ghalhekk din il-Qorti ma tistghax tistabbilixxi li l-Anthony Zammit hemm indikat huwa l-istess persuna akkuzat fil-proceduri odjerni. L-imputat sejjer ghalhekk jiig dikjarat mhux hati tal-akkuzi mmarkati bhala 21 u 22.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti  wara li hadet in konsiderazzjoni l-kontenut tas-Social Inquiry Report imhejji fil-konfronti tal-imputat Anthony Zammit kif ukoll il-

fedina penali infinita tal-istess imputat u l-fatt li huwa ghamel programm kontra l-abbuz mid-droga fi tlett okkazzjonijiet izda rega' waqa fil-vizzju tal-abbuz mid-droga u fit-triq tal-kriminalita' jidrilha li m'ghandhiex alternattiva salv li timponi piena karcerarja effettiva. Peress li fis-Social Inquiry Report hemm indikat li l-imputat rega' wera x-xewqa li jibda programm residenzjalli kontra l-abbuz mid-droga l-Qorti qed tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex l-imputat jinghata l-ghajnuna mehtiega sabiex jeghleb din il-problema.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-20 ta April tal-2001 u senjatament l-Artikoli 17,18, 31, 261(a)(b)(f)(g)(c)(e), 262, 263, 267, 269, 270, 271, 274, 276, 277, 278, 279, 280, 284, 285 u 325 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat Anthony Zammit hati tal-akkuzi mmarkati bhala wiehed, tnejn, tlieta, erba' hamsa, tmienja, disgha, ghaxra u hdax migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah hames (5) snin prigunerija. Stante li s-sitt(6) akkkuza inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel(1), it-tieni(2), ir-raba'(4) u l-hames(5) akkuza li taghhom l-imputat qed jinstab hati. Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-akkuza. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-bqija tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------